Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13146/1/19
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0090(COD)**

CODEC 1486
CONSOM 274
MI 716
ENT 233
JUSTCIV 183
DENLEG 98

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u l-immodernizzar tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-12 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Ottubru 2018[3].

[1] 7876/18.
[2] ĠU C 440, 6.12.2018, p. 66.
[3] ĠU C 461, 21.12.2018, p. 232.

4. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mid-9 sal-10 ta' Ottubru 2019. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-Istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkunu aċċettabbli għall-Kunsill[4].

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 83/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Awstrija u tal-Polonja;

- jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] 8489/19.